# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 38 — IL-ĦAMIS, L-1 TA' ĠUNJU, 1944. — Nru. 38

## GĦALL-ĦAQQ

*(L-Editur)*

FIL-1942, waqt it-tiem assedju kbir ta' Malta, id-Dipartiment tal-Biedja messu d-dmir illi jmexxi l-produzzjoni tal-pajjiż bħala l-aħħar tama biex il-poplu ta' dawn il-Gżejjer jiskansa l-imblokk li kienu għamlu l-egħdewwa tagħna. Dmir kbir u diffiċli! Il-provvisti ta' dawn il-Gżejjer kienu żgħar, u min jiekol minnhom kien hawn għadd wisq kbir. Aktarx li ħadd f'Malta u Għawdex dak iż-żmien ma fehem il-posizzjoni kerha li konna ninsabu fiha. Id-Dipartiment tal-Biedja kellu joqtol bosta annimali, u kellu jitlob u wkoll jirrekwisizzjona l-qamħ tal-bdiewa f'mument meta r-razzjon tal-ħobż tagħhom kien sa jiċkien u jsir kwart u nofs kuljum!!

Id-Dipartiment tal-Biedja għamel dak kollu li seta' jagħmel bniedem tad-dinja biex isalva dawn il-Gżejjer. Ta' dan ma kellux ħaġ'oħra għajr uċuħ koroh u ħars biċ-ċiera. Iżda l-poplu kien jinħtieġ, jiġi mitmugħ mill-ftit li kien hawn.

Il-ħsieb tad-Dipartiment kien għaldaqshekk kif għandu jagħmel biex jikkorrieġi d-difetti li kien hemm fil-produzzjoni, biex l-istaġun ta' wara l-poplu jsib iżjed ikel. Biex jinkoraġġixxi lill-bdiewa ħalli jikkultivaw f'ċertu żmien kemm kien jinħtieġ minn ċerti prodotti, id-Dipartiment għamel kuntratti dwar xi wċuħ. Dawn il-kuntratti saru fi żmien meta ħadd ma kien, u ħadd ma seta', joħlom illi meta dawk il-prodotti jaslu għall-ikel, l-Alleati jkunu qed jiġġieldu qrib Ruma!!

Is-suċċessi ta' l-Alleati kienu kbar; is-suldati u nies oħra tas-servizz li kien hawn f'Malta u Għawdex telqu biex jiġġieldu f'art oħra. Il-prodotti tar-raba' ma tistax twaqqafhom f'nosf trieq. Biex ikollok prodotti trid taħseb staġun qabel. Intant, xi wħud mill-prodotti waslu fis-suq meta biċċa minnies li kellhom jikluhom ma kinux hawn iżjed. Kieku kienu għadhom hawn, kieku l-poplu kollu kien iċapċap lid-Dipartiment tal-Biedja talli ipprovda ikel iżjed għall-poplu. B'dankollu, kuntratti huma kuntratti, u d-Dipartiment tal-Biedja kellu jwettaq il-kuntratti li kellu, fil-waqt li r-razzjon kważi ta' kollox żdied, u lill-poplu kien qiegħed jingħata tliet darbiet fil-ġimgħa l-laħam b'irħis.

Dawn huma fatti, u l-Ħaqq ħadd ma jista' jħassru.

**IS-SISTEMA TAR-RAZZJON TAL-ĦWEJJEĠ BIL-"POINTS"**

**Titilfux il-Ktieb tal-"Points" tal-Ħwejjeġ għax ma tiħdux ieħor.**

## IL-BIEDJA F'ĠUNJU

*(Editur tal-Propaganda)*

### Fil-Għalqa

ISSA li ż-żara' beda jisfar ġmielu, il-bidwi jaqbillu jaħseb biex jaħsad mill-iktar fis. Id-dris għandu jsir xi ġimagħtejn jew tlieta wara li l-qamħ ikun inħasad u ntrabat f'qattiet. L-art maħsuda tibqa' qasbija fejn wieħed jista' jħalli l-merħla tirgħa sakemm jasal iż-żmien li tingħażaq u tiddemmel qabel ma tidħol ix-xitwa. Għalkemm l-art tibqa' battala mhux ta' min iħalliha timtela bil-ħaxix għax dan ikiddha u jisirqilha l-btir. Fir-raba' bħalissa xejn ma hemm x'tagħmel ħlief li tnaqqi u, wara mbagħad, tagħżaq u ddemmel għaż-żrigħ ta' l-uċuħ tal-ħarifa u tax-xitwa. Fir-raba' bagħli, wara li wieħed jaqla' l-patata tas-sajf, tajjeb jekk wieħed jiżra' l-patata tax-xitwa. B'hekk iż-żerriegħa marduma fil-ħamrija ma jiġrilha xejn hsara bis-sħana tas-sajf, mhux bħalma jiġrilha bil-farfett tas-susa meta tkun imgeddsa fil-maħżen jew f'xi għorfa.

### Fil-Ġnien tal-Ħxejjex

Bħalissa bdew jiżahru l-ħjar, it-tadam u l-qara' twil tal-bikri. Ma għandekx iżżom għaż-żerriegħa ħlief l-isbaħ u l-ewwel frott ta' dawn il-prodotti. Hekk ukoll għandek tagħmel għall-brinġiel u bżar li issa jiżahru qabel l-aħħar tax-xahar. Il-bittiħ u dulliegħ għandek tagħtihom il-kubrit biex tilqagħhom mill-mell. Issa li l-patata nqalgħet aħjar wieħed iħalli l-ħamrija tistrieħ ma' tul is-sajf. Il-patata għandha tinħażen f'post niexef li jkun iddaħħnet bil-kubrit. Il-patata maħżuna għandha titgħatta bil-kanvazz jew b'saff oħxon ta' ħamrija biex ma timtessx bil-farfett tas-susa. Tajjeb jekk tagħti tisqija tajba lill-fażola ħadra u, jekk jista' jkun, tisqija ta' ilma tad-demel. Fit-temp niexef għandek issaqqi l-kaboċċi, il-ġdur, l-ispraġ u l-ħaxix tas-sajf u tal-ħarifa, kif ukoll il-basal tar-rebbiegħa. Għall-aħħar tax-xahar tista' tiżra' l-ħmiemel tal-ħass, tal-kaboċċi, pastard, ġdur, brokkli u kaboċċi taz-zokk, li nistennewhom jagħtu l-prodott tagħhom fil-ħarifa u fix-xitwa. Il-ġidra tista' tħalliha tixraf sewwa fil-ħmiemel biex malli tħawwilha ma ddumx ma ddawwar.

### Fil-Ġnien tas-Siġar tal-Frott

Malli tara l-weraq beda jinbaram xi ftit, ibda saqqi l-laring u siġar oħra ta' l-agrumi. Għandek issaqqi kull ġimagħtejn jew tliet ġimgħat, skond il-għamla tal-ħamrija. L-ewwel darba ta' min isaqqi ħafif bi ftit ilma biex is-siġra, li tkun ħadha l-għatx, ma tmurx tobżoq u twaqqa' ż-żigromb malli tħoss l-ilma; wara, imbagħad, tista' ssaqqi bix-xaba'. Jagħmel sewwa min isaqqi wkoll is-siġar tal-frott irqiq, biex igħin lis-siġra tħaxxen il-frott u jissokta jikber ir-raħs. It-tisqija m'għandekx twaqqafha għal kollox, għax inkella ma' l-ewwel xita s-siġra tiżhar, l-iktar is-siġar tal-lanġas u tat-tuffieħ, u titlef il-prodott għas-sena li ġejja. Għall-aħħar ta' dan ix-xahar il-għeneb jibda jonfoħ u għall-aħħar tad-diehel isajjar. Dawk is-siġar tat-tin li għandhom bżonn ta' dakra, tista' ddakkarhom mill-aħħar ta' dan ix-xahar.

Wieħed jaħseb biex idendel mas-siġra n-nases (fliexken) għad-dubbiena tal-frott irqiq u f'kull flixkun jitfa' taħlita ta' mgħarfa *Clensel* f'kull tazza ilma. Id-dubbiena, malli dduq minn din it-taħlita, dlonk għandha tmut. Dawn il-flieixken jistgħu jintużaw ukoll għad-dubbiena tal-laring minn Awissu 'l quddiem.

Il-bergħud iswed tal-laring u l-bergħud aħdar tal-ħawħ, nuċiprisk u frott irqiq ieħor jista' jinqered billi wieħed ibixx bil-*Clensel*.

